



Brussell, 3 ta' Frar 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0019(NLE)

5950/22
ADD 1

UD 16

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 29 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitati Tekniċi dwar il-Valwazzjoni Doganali u tar-Regoli tal-Oriġini, stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, fir-rigward, rispettivament, tal-adozzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi, kummentarji, noti ta' spjegazzjoni, studji tal-każijiet, studji u atti simili li jikkonċernaw il-valwazzjoni ta' oġġetti importati għal finijiet doganali skont il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, u l-adozzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi, informazzjoni u pariri u atti simili dwar id-determinazzjoni tal-oriġini tal-oġġetti skont il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 29 final.

Mehmuż: COM(2022) 29 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2022
COM(2022) 29 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitati Tekniċi dwar il-Valwazzjoni Doganali u tar-Regoli tal-Orġini, stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, fir-rigward, rispettivament, tal-adozzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi, kummentarji, noti ta' spjegazzjoni, studji tal-każijiet, studji u atti simili li jikkonċernaw il-valwazzjoni ta' oġġetti importati għal finijiet doganali skont il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, u l-adozzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi, informazzjoni u pariri u atti simili dwar id-determinazzjoni tal-orġini tal-oġġetti skont il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Orġini

ANNESS

- 1. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA FI ĦDAN IL-KUMITATI TEKNIĊI DWAR IL-VALWAZZJONI DOGANALI U DWAR IR-REGOLI TAL-ORİĠINI, STABILITI TAĦT L-AWSPİČJI TAL-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA DOGANALI, FIR-RIGWARD, RISPETTIVAMENT, TAL-ADOZZJONI TA' OPINJONIJET KONSULTATTIVI, KUMMENTARJI, NOTI TA' SPJEGAZZJONI, STUDJI TAL-KAŻIJET, STUDJI, U ATTI SIMILI LI JIKKONĊERNAW IL-VALWAZZJONI TA' OĠĠETTI IMPORTATI GĦAL FINIJET DOGANALI SKONT IL-FTEHIM DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ARTIKOLU VII TAL-FTEHIM ĠENERALI DWAR IT-TARIFFI U L-KUMMERĊ 1994, U L-ADOZZJONI TA' OPINJONIJET KONSULTATTIVI, INFORMAZZJONI U PARIRI, U ATTI SIMILI LI JIKKONĊERNAW ID-DETERMINAZZJONI TAL-ORİĠINI TAL-OĠĠETTI SKONT IL-FTEHIM DWAR IR-REGOLI TAL-ORİĠINI.**

1.1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-Kumitati Tekniċi dwar il-Valwazzjoni Doganali u dwar ir-Regoli tal-Orìġini, stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), l-Unjoni għandha:

- (a) tippromwovi, tikkontribwixxi u tiffaċilita l-valwazzjoni tal-oġġetti importati għal finijiet doganali u l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (CVA);
- (b) tippromwovi, tikkontribwixxi u tiffaċilita d-determinazzjoni tal-orìġini tal-oġġetti u l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Orìġini (ARO);
- (c) taħdem għall-involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati fil-fażi ta' tħejjija għall-opinjonijiet konsultattivi, il-kummentarji, in-noti ta' spjegazzjoni, l-istudji tal-każijiet, l-istudji, l-informazzjoni jew il-pariri dwar kwalunkwe kwistjoni, jew atti simili tal-Kumitat Tekniku dwar il-Valwazzjoni Doganali (TCCV) u tal-Kumitat Tekniku dwar ir-Regoli tal-Orìġini (TCRO), u tiżgura li l-opinjonijiet konsultattivi, il-kummentarji, in-noti ta' spjegazzjoni, l-istudji tal-każijiet, l-istudji, l-informazzjoni jew il-pariri dwar kwalunkwe kwistjoni, jew atti simili, adottati f'dawk il-Kumitati Tekniċi jkunu skont is-CVA u l-ARO rispettivament;
- (d) tiżgura li l-miżuri adottati fit-TCCV ikunu konsistenti mal-Kummentarju Ġenerali ta' Introduzzjoni tas-CVA u n-Noti Interpretattivi stabbiliti fl-Anness I tas-CVA;
- (e) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-politiki u mal-aħjar prattiki tal-Unjoni, inkluż l-oġġettiv li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE, kif ukoll kwalunkwe impenn internazzjonali ieħor tal-Unjoni fil-qasam ikkonċernat;

1.2. KRITERJI

Il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni:

- (a) għandhom jiġu stabbiliti skont is-CVA, il-Kummentarju ta' Introduzzjoni Ġenerali u n-Noti Interpretattivi tiegħu stabbiliti fl-Anness I tas-CVA, sa fejn hija kkonċernata l-valwazzjoni tal-oġġetti importati għal finijiet doganali;
- (b) għandhom jiġu stabbiliti skont l-ARO, sa fejn hija kkonċernata d-determinazzjoni tal-orijini tal-oġġetti;
- (c) fejn applikabbli, għandhom iqisu dan li ġej:
 - il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatata mal-valur tal-oġġetti għal finijiet doganali u mal-orijini tal-oġġetti,
 - l-istrumenti adottati qabel mit-TCCV u mit-TCRO u li għadhom applikabbli,
 - id-dispożizzjonijiet legali tal-Unjoni dwar il-valur tal-oġġetti għal finijiet doganali u l-orijini tal-oġġetti,
 - l-istrumenti ta' gwida relatati mal-valur tal-oġġetti għal finijiet doganali żviluppati fil-qafas tat-Taqsima tal-Valwazzjoni tal-Grupp ta' Esperti Doganali;
 - l-istrumenti ta' gwida relatati mal-orijini tal-oġġetti żviluppati fil-qafas tat-Taqsima tal-Oriġini tal-Grupp ta' Esperti Doganali;
 - kwalunkwe att jew linja gwida legali oħra relatata mal-valwazzjoni doganali u l-orijini tal-oġġetti żviluppati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni.

1.3. ORJENTAZZJONIJIET

- (a) L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel ħilitha biex tappoġġa l-adozzjoni fit-TCCV u fit-TCRO ta' opinjonijiet konsultattivi, kummentarji, noti ta' spjegazzjoni, studji tal-każijiet, studji, informazzjoni u pariri, jew atti simili li jikkonċernaw rispettivament il-valwazzjoni ta' oġġetti importati għal finijiet doganali, u d-determinazzjoni tal-orijini tal-oġġetti, biex tiġi żgurata, fil-livell tekniku, l-uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tas-CVA u tal-ARO.
- (b) L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tipproponi u tħejji l-istrumenti kif imsemmi fil-punt (a).

2. SPEĊIFIKAZZJONI TAL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA FI ĦDAN IL-KUMITATI TEKNIĊI DWAR IL-VALWAZZJONI DOGANALI U DWAR IR-REGOLI TAL-ORIĠINI, STABILITI TAĦT L-AWSPIĊJI TAD-WCO, FIR-RIGWARD, RISPETTIVAMENT, TAL-ADOZZJONI TA' OPINJONIJIET KONSULTATTIVI, KUMMENTARJI, NOTI TA' SPJEGAZZJONI, STUDJI TAL-KAŻIJET, STUDJI, U ATTI SIMILI LI JIKKONĊERNAW IL-VALWAZZJONI TA' OĠĠETTI IMPORTATI GĦAL FINIJET DOGANALI SKONT IS-CVA U TA' OPINJONIJIET KONSULTATTIVI, INFORMAZZJONI U PARIRI, JEW ATTI SIMILI LI JIKKONĊERNAW ID-DETERMINAZZJONI TAL-ORIĠINI TAL-OĠĠETTI SKONT L-ARO.

1. Qabel kull laqgħa tat-TCCV jew tat-TCRO li matulha t-TCCV jew it-TCRO jintalbu jadottaw opinjonijiet konsultattivi, kummentarji, noti ta' spjegazzjoni, studji tal-

każijiet, studji, informazzjoni u pariri, u atti simili li għandhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aktar informazzjoni teknika u informazzjoni rilevanti oħra riċenti trażmessa lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji, il-kriterji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha I. Sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet tal-Unjoni u l-interessi fi ħdan id-WCO, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lid-disponibbiltà tad-dokumenti ta' hídma f'konformità mar-regoli tal-proċeduri tat-TCCV u tat-TCRO.

2. Għal dan l-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Kunsill, fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tat-TCCV u tat-TCRO msemmija fil-punt (1), dokument bil-miktub li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għal diskussjoni u approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni. Il-Kunsill għandu jeżamina d-dokumenti tal-Kummissjoni fl-aħjar perjodu ta' żmien possibbli. Jekk il-Kunsill ma japprovax parti speċifika tal-proposta, il-Kummissjoni ma tippreżentax pożizzjoni tal-Unjoni dwar dik il-parti fit-TCCV jew fit-TCRO.
3. F'każijiet fejn il-pożizzjoni tal-Unjoni tvarja fis-sustanza mill-opinjonijiet konsultattivi, il-kummentarji, in-noti ta' spjegazzjoni, l-istudji tal-każijiet, l-istudji u atti simili proposti fit-TCCV, jew mill-opinjonijiet konsultattivi, l-informazzjoni u l-pariri u atti simili proposti fit-TCRO, il-Kummissjoni għandha tesprimi f'isem l-Unjoni l-pożizzjoni li l-att inkwistjoni ma jkunx qed jissodisfa l-konsensus meħtieġ biex jiġi adottat mit-TCCV jew mit-TCRO.
4. Biex jiġu ppreservati d-drittijiet tal-Unjoni u biex tiġi evitata deċiżjoni dwar kwistjoni li dwarha l-Kunsill ma jkunx jista' jilħaq pożizzjoni qabel ma l-membri tat-TCCV jew tat-TCRO jintalbu jesprimu l-pożizzjoni finali tagħhom dwar l-adozzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi, kummentarji, noti ta' spjegazzjoni, studji tal-każijiet, studji, informazzjoni u pariri, u atti simili, il-Kummissjoni għandha titlob f'isem l-Unjoni li l-att propost jinżamm għad-diskussjoni fit-TCCV jew fit-TCRO.
